**MINUTI**

**KAMRA TAD-DEPUTATI**

**L-ERBATAX-IL PARLAMENT**

**SEDUTA NRU 42**

l-Erbgħa, 2 ta' Novembru 2022

Il-Kamra tad-Deputati ltaqgħet fis-Sala tal-Parlament, il-Belt Valletta, fl-4.01 p.m.

L-Ispeaker l-Onor. Anġlu Farrugia ppreseda.

**ATTENDENZA**

Il-Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni, l-Onor. Clifton Grima, kien imsiefer fuq xogħol tal-Gvern

Il-Ministru għal Għawdex, l-Onor. Clint Camilleri, l-Onor. Abigail Camilleri, l-Onor. Omar Farrugia u l-Onor. Joe Giglio kienu skużati.

Il-Ministru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej u l-Kummerċ l-Onor. Ian Borg, il-Ministru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli l-Onor. Roderick Galdes, il-Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet l-Onor. Silvio Schembri, il-Ministru għat-Turiżmu l-Onor. Clayton Bartolo, is-Segretarju Parlamentari għad-Djalogu Soċjali l-Onor. Andy Ellul, il-Kap tal-Oppożizzjoni l-Onor. Bernard Grech, l-Onor. Ray Abela, l-Onor. Chris Agius, l-Onor. Charles Azzopardi, l-Onor. Ivan Bartolo, u l-Onor. Stephen Spiteri kienu assenti.

**TALBA**

L-Iskrivan tal-Kamra qal it-talba.

**MINUTI**

Il-Minuti tas-Seduta Nru 41 li saret fit-2 ta' Novembru 2022 kienu konfermati.

**PUNT IMQAJJEM MINN ONOR. MEMBRU TAL-KAMRA**

L-Onor. Robert Cutajar ġibed l-attenzjoni tas-Sedja għal inċident li nqala' bejn id-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa l-Onor. Chris Fearne, u l-President tal-Kumitati, l-Onor. David Agius lejn tmiem is-seduta ta' dakinhar filgħodu meta l-Kamra kienet fi stadju ta' Kumitat ta' Provvista, u talab lis-Sedja tieħu l-passi f'dan ir-rigward.

L-Ispeaker qal li kien ser jara x'ġara fil-mument indikat mill-Onor. Cutajar u jagħti ruling fi stadju ulterjuri.

**INFORMAZZJONI MIS-SEDJA**

L-Ispeaker informa lill-Kamra li dakinhar is-Sedja rċeviet mill-Awditur Ġenerali rapport u qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 771 Rapport maħruġ mill-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika bl-isem *Peformance Audit: A Follow-Up on the 2018 Strategic Overview of Mount Carmel Hospital* datat Ottubru 2022

**MISTOQSIJIET**

Mistoqsijiet ġew magħmula u mogħtija tweġiba orali.

Fl-4.30 p.m. l-aħħar mistoqsija kienet numru 2046 u l-mistoqsijiet l-oħra kollha li dehru fuq l-aġenda ngħataw tweġiba bil-miktub.

**TQEGĦID TA' KARTI**

Id-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa, l-Onor. Chris Fearne, qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 772 Tagħrif dwar in-numru ta' advisors impjegati permezz ta' kuntratt/direct order li jaqgħu taħt id-dekasteru li għalih hu responsabbli l-Ministeru għas-Saħħa fis-snin bejn l-2018 u Awwissu 2022, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 3164.

Il-Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol, l-Onor. Clyde Caruana, qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 773 Dokument bl-isem *It-Twettiq tal-Baġit 2022* maħruġ mill-Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti Ewlieni, datat Ottubru 2022, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 3509; u

f'isem il-Ministru għall-Inklużjoni, il-Volontarjat u d-Drittijiet tal-Konsumatur, qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 774 Tagħrif dwar skemi/għotjiet/grants offruti lill-għaqdiet volontarji mill-Ministeru għall-Inklużjoni, il-Volontarjat u d-Drittijiet tal-Konsumatur fis-snin 2021 u 2022, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 3524.

**ORDNIJIET TAL-ĠURNATA**

L-Iskrivan tal-Kamra qara l-Ordnijiet tal-Ġurnata.

**1. ESTIMI ĠENERALI 2023 - KUMITAT TA' PROVVISTA – IT-TIENI SEDUTA STABBILITA**

Il-Kamra marret f'Kumitat.

**FIL-KUMITAT**

L-Onor. David Agius, Deputy Speaker, ippreseda.

**MINISTERU GĦALL-WIRT NAZZJONALI, L-ARTI U L-GVERN LOKALI**

Il-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali, l-Onor. Owen Bonnici, ressaq dawn ir-Riżoluzzjonijiet:

**VOT 13 - MINISTERU GĦALL-WIRT NAZZJONALI, L-ARTI U L-GVERN LOKALI**

Illi s-somma ta' mhux iżjed minn €64,209,000 li titħallas mill-Fond Konsolidat tiġi applikata taħt il-Vot 13 - Ministeru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali, kif dettaljata fl-Abbozz tal-Estimi Ġenerali ta' Nefqa għas-sena 2023.

**VOT 14 - GVERN LOKALI**

Illi s-somma ta' mhux iżjed minn €55,082,000 li titħallas mill-Fond Konsolidat tiġi applikata taħt il-Vot 14 - Gvern Lokali, kif dettaljata fl-Abbozz tal-Estimi Ġenerali ta' Nefqa għas-sena 2023.

**VOT V - MINISTERU GĦALL-WIRT NAZZJONALI, L-ARTI U L-GVERN LOKALI - KAPITAL**

Illi s-somma ta' mhux iżjed minn €28,490,000 li titħallas mill-Fond Konsolidat tiġi applikata taħt il-Vot V - Ministeru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali - Kapital, kif dettaljata fl-Abbozz tal-Estimi Ġenerali ta' Nefqa għas-sena 2023.

Id-Deputy Speaker informa lill-Kumitat li skont il-Mozzjoni ta' Proċedura Nru 84 tal-25 ta' Ottubru 2022, il-ħin tad-diskussjoni kellu jkun ta' tliet sigħat, bil-ħin jinqasam indaqs bejn kelliema tal-Gvern u kelliema tal-Oppożizzjoni, bl-aħħar nofs għall-Gvern.

Fl-4.34 p.m. beda l-ħin disponibbli għall-Oppożizzjoni u l-Onor. Julie Zahra ressqet din l-Emenda:

**VOT 13 - MINISTERU GĦALL-WIRT NAZZJONALI, L-ARTI U GVERN LOKALI**

***Personal Emoluments***

***Item 11 - Holders of Political Office***

Ħassar iċ-ċifra "€104,302" u ssostitwixxi minflok iċ-ċifra "€104,299".

*Delete the figure "€104,302" and substitute therefor the figure "€104,299".*

Fis-18.00 p.m. skada l-ħin disponibbli għall-Oppożizzjoni u beda l-ħin disponibbli għall-Gvern.

Fid-diskussjoni ħadu sehem l-Onor. Julie Zahra, l-Onor. Darren Carabott u l-Onor. Graham Bencini għan-naħa tal-Oppożizzjoni, u l-Onor. Alison Zerafa Civelli, l-Onor. Davina Sammit Hili, l-Onor. Katya De Giovanni u l-Onor. Owen Bonnici għan-naħa tal-Gvern.

Fis-7.27 p.m. id-diskussjoni kienet konkluża skont il-Mozzjoni ta' Proċedura Nru 84 tal-25 ta' Ottubru 2022.

Il-Kamra rriżumiet u l-Viċi President tal-Kumitati, l-Onor. Michael Farrugia, irrapporta li skont il-Mozzjoni ta' Proċedura Nru 84 tal-25 ta' Ottubru 2022, id-diskussjoni fuq il-Voti tal-Ministeru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u Gvern Lokali kienet ġiet konkluża, u li l-mistoqsija fuq l-emenda u l-voti mressqa kienu posposti għal data li kellha tiġi komunikata aktar 'il quddiem mill-Gvern.

**AĠĠORNAMENT**

Fis-7.28 p.m. il-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u Gvern Lokali ppropona l-aġġornament tal-Kamra għat-Tnejn, 7 ta' Novembru 2022 fid-9.00 a.m. b'din l-aġenda:

**Ordnijiet tal-Ġurnata**

1. Estimi Ġenerali 2023 - Kumitat ta' Provvista

**It-Tielet Seduta Stabbilita – Ministeru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej u l-Kummerċ**

Vot 15 - Ministeru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej u l-Kummerċ
Vot VI - Ministeru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej u l-Kummerċ – Kapital

2. Ministeru għas-Saħħa - Votazzjonijiet
3. Ministeru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali - Votazzjonijiet

Jew xi aġenda oħra li tista' tiġi komunikata aktar tard.

Il-Ministru informa lill-Kamra li skont il-Mozzjoni ta' Proċedura Nru 84 tal-25 ta' Ottubru 2022, id-diskussjoni fuq il-voti tal-Ministeru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej u l-Kummerċ kellha tieħu mhux aktar minn tliet sigħat, bil-ħin jinqasam indaqs bejn kelliema tal-Gvern u kelliema tal-Oppożizzjoni, bl-aħħar nofs għall-Gvern.

Huwa informa wkoll lill-Kamra li din is-seduta se tkun mingħajr mistoqsijiet parlamentari u li l-ħin tal-aġġornament ma jitteħidx.

Fis-7.30 p.m. il-Kamra aġġornat skont il-Mozzjoni ta' Proċedura Nru 84 tal-25 ta' Ottubru 2022.

**RAYMOND SCICLUNA**
**SKRIVAN TAL-KAMRA**

**KONFERMATI**

**ONOR. ANĠLU FARRUGIA**
**SPEAKER**